MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 392/2005

Brands International Ltd gia' Charles Mercieca & Co Ltd ( C11755 )

vs

Androxa Furniture Ltd ( C9647 )

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi s-socjeta konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' sebat elef u mitejn u wiehed u tletin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm7231.98) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta

konvenuta li baqghet ma thallsetx, liema dejn hu cert, likwidu u dovut.

Illi nonostante illi giet interpellat sabiex thallas is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi s-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attrici.

Talbet ghalhekk lill-istess socjeta' konventua tghid ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti: -

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini ta' 1-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sebat elef u mitejn u wiehed u tletin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm7231.98) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta konvenuta li baqghet ma thallsetx.

Bl-imghax kummercjali mid-9 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' 1-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' 1-ittra ufficjali datata 16 ta' Marzu 2005 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju illi qed jigi pprezentat kontestwalment kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta' attrici u d-dokumenti l' ohra.

Rat li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta ta' llum msejjha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura ta' l-artiklu 167 et sequitur tal-kodici ta' organizazzjoni u procedura civili; tiddeciedi milli tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-

imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------